**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 472/2023 JPG**
**Kawza Nru : 12**

**Av. Dr. Natalia Camilleri (K.I 519896M) bħala mandatarja tal-assenti AS**
**-vs-**
**GS**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 4 ta' Settembru 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti iżżewġu nhar il-ħamsa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (25/07/2003) fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħerba, Birkirkara, fejn sussegwentament iz-zwieġ tagħhom ġie rreġistrat mar-Reġistru Pubbliku, iċ-ċertifikat taż-żwieġ b'reġistrazzjoni numru 1312/2003 anness u mmarkat bħala* ***Dok AS1****.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewġt itfal u ċioe J li twieldet f'X u K li twieled f'Y.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl- Atti tan-Nutar Dr Joanne Lia nhar it-tletin ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (30/07/2019) kopja tiegħu annessa u mmarkat bħala* **Dok AS2**.

4. *Illi m' hemm l- ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi llum il-gurnata huma legalment isseparati u għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi l- partijiet fl- istess kuntratt ta' separazzjoni kienu rrinunzjaw reċiprokament mid-dritt li jirċievu jew jitolbu manteniment mingħand xulxin.*

6. *Illi r-rikorrenti kif ġie maqbul bejn il-kontendenti fl-istess kuntratt ta' separazzjoni skont klawsola 12(c), għadda lill-intimata s-somma ta' tlieta u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€43,500) rapprezentanti l-manteniment ghaz-zewġt ulied kif ukoll l-ispejjez għall-attivitajiet extra-kurrikulari sa mal-istess minuri jagħlqu l-eta ta' tmintax (18)-il sena.*

7. *Illi b'hekk m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrenti lill-intimata.*

8. *Illi dawn il- fatti kollha fuq imsemmija jissodisfaw il- kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall- ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal- Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendati bl- Att XXV tal- 2021.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l- esponenti noe umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti li ġie ċċelebrat nhar il-ħamsa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (25/07/2003) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*
2. *Tordna lir- Reġistratur tal- Qorti sabiex entro t-terminu iffissat mill- istess Qorti jinnotifika lid- Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti li jġib*

*reġistrazzjoni numru 1312/2003.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 2 ta' Ottubru 2023 a fol 24 li taqra hekk:

*Illi mhux kontestat li:*

a) *Il-partijiet izzewgu fil-25 ta' Lulju 2003 u sussegwentement isseparaw;*
b) *Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Joanne Lia tat-30 ta' Lulju 2019;*
c) *Illi miz-zwieg tal-partijiet zewg ulied, J f'X u K f'Y;*
d) *Illi ma hemm ebda prospett li l-partijiet jirrikonciljaw;*
e) *Illi ma hemm l-ebda pendenza ta' manteniment ghal minuri sal-lum bejniethom stante l-fatt illi mal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq riferut kienet thallset lill-intimata 'lump sum' li tkopri l-manteniment taz-zewg ulied minuri sal-eta' ta' tmintax-il sena;*

*Illi l-esponenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti illi din l-Onorabbli Qorti tawtorizza d-divorzju u li tordna ir-registrazzjoni tal-istess skont il-Ligi.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AS xehed** (vide affidavit fol 21) illi l-partijiet izzewgu nhar l-25 ta' Lulju 2003, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti

tan-Nutar Dr Joanne Lia datat nhar it-30 ta' Lulu 2019. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**GS xehdet** (vide affidavit fol 25) u kkonfermat u kkorraborat max-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Lulju 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 1312/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joanne Lia nhar it-30 ta' Lulju 2019 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1312/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**